MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 1052/2002/1

Rikors Nru. 1052 / 02/ 1 NC

Kawza fil-lista: 22

**A B C**
**vs**
**D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-konvenut li permezz tieghu qed jitlob li din il-Qorti tordna li t-talba maghmula ghas-separazzjoni personali titqies minflok bhala talba ghall-pronunzjament ta’ divorzju; u dana wara li ppremetta li l-kontendenti ghexu separatament ghal perjodu ta’ vicin l-ghaxar snin, li m’ hemmx ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni u li t-tifel minuri qed jircievi l-manteniment ordnat mill-Qorti

fil-kors ta' din il-kawza; u ghalhekk il-kundizzjonijiet kontemplati fl-artiklu 66B tal-Kapitolu 16 jinsabu sodisfatti;

Rat ir-risposta ta' l-attrici u l-verbal maghmul minnha fl-udjenza tat-3 ta' Mejju 2012 fejn iddikjarat "li l-manteniment ordnat mill-Qorti qed jithallas regolarment u dan qed jinghad ghal fini tar-rikors tal-konverzjoni; izda jibqa' impregudikat id-dritt ta' l-attrici li fil-mori tal-kawza titlob revizjoni tal-manteniment u wkoll garanzija ghall-hlas futur ta' l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi mill-atti jidher li l-kundizzjonijiet stipulati fl-artiklu precitat jinsabu sodisfacentement provati;

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talba fit-termini ta' l-Artikolu 66F, u tordna li fir-rikors guramentat, fil-kontro-talba u fir-risposti guramentati relattivi t-termini "separazzjoni personali" jigu sostitwiti bit-terminu "divorzju".

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------